MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 71/2002

Citazzjoni numru 71/2002

Victor u Carmel ahwa Cordina u Joseph Cordina

vs

Saviour Sciberras

**Il-Qorti;**

Ic-citazzjoni attrici taqra:

Illi l-atturi huma s-sidien u l-attwali possessuri u ilhom madwar sena jahdmu r-raba msejjah “Il-Wilga ta’ Xaman” u l-“Wilga ta’ Berin” li qieghed Marsalforn fil-limiti taz-

Zebbug, Ghawdex, u precizament il-porzjonijiet markati bl-ittri ‘B’ imsejjha “Tal-Mithna”, ‘D’ imsejha tal-Kanal, ‘E’ imsejha tas-Sigar, ‘F’, ‘G’ u ‘H’ imsejha “Tal-Brukk” u parti mill- ‘A’ li kienet uzata bhala mansab, indikati fuq il-pjanta esebita mill-istess konvenut Saviour Sciberras fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni nru. 26/02 (PC) fl-ismijiet “Saviour Sciberras vs Victor Cordina et” dekretat fit-tmintax (18) ta’ Gunju 2002 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri u precizament –

(i) il-porzjoni bl-ittra ‘B’ imsejha “Tal-Mithna” li hija tal-kejl ta’ cirka elf hames mija u tlieta u hamsin metri kwadri (1553m2) u konfinanti mil-lvant u nofsinhar ma’ beni ta’ l-atturi u tramuntana ma’ beni tal-familja Sultana;

(ii) il-porzjoni bl-ittra ‘D’ imsejha “Tal-Kanal” li hija tal-kejl ta’ cirka hames mija u tmenin metri kwadri (580m2) u konfinanti punent, lvant u nofsinhar ma’ beni tal-atturi;

(iii) il-porzjon bl-ittra ‘E’ imsejjha “Tas-Sigar” li hija tal-kejl ta’ cirka seba’ mija u sittin metri kwadri (760m2) u konfinanti mill-punent, lvant u tramuntana ma’ beni tal-atturi;

(iv) il-porzjonijiet bl-ittri ‘F’, ‘G’, ‘H’ imsejjha “Tal-Brukk” tal-kejl ta’ cirka hames mija u sebghin metri kwadri (570m2) u konfinanti l-intier mit-tramuntana in parti ma’ beni tal-Gvern u in parti ma’ beni tal-atturi u punent u nofsinhar ma’ beni tal-istess atturi;

(v) u parti mill-‘A’ li hija tal-kejl ta’ cirka mitejn u tmenin metri kwadri (280m2) u tmiss punent u lvant ma’ beni tal-atturi u tramuntana ma’ beni tal-familja Sultana;

Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Mejju 2002 u fil-jiem sussegwenti l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta’ l-atturi u dana billi dahal fil-porzjonijiet markati bl-ittra ‘A’ (parti minnha) ‘D’, ‘E’, ‘F’, ‘G’ u ‘H’ hawn fuq deskritti u ghamel brugg tal-gebel fihom, kisser il-prodotti li kien hemm ga mizrughha mill-atturi u minflok hawwel il-prodott tieghu ghaliex sab ir-raba

mahdum u diga imdemmel mill-atturi, qaleb it-tankijiet li kien hemm fl-istess raba ghall-hazna ta’ l-ilma u sussegwentement ippussessa ruhu anki mill-ilma gieri ta’ l-ispejjer li kien hemm fl-istess raba;

Illi l-konvenut meta gie interpellat sabiex jispurga dana l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess, huwa mhux talli baqa’ inadempjenti, imma addirittura wara l-ghoxrin (20) ta’ Gunju 2002, li hija d-data meta gie milqugh lilu t-talba ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 26/02, hawn fuq citat, huwa dahal fil-porzjoni deskritta bl-ittra ‘B’, haratha u hawwel fiha tadam u gidra u wahhal il-pajpijiet ta’ l-ilma ghal gol-ispiera, li hija proprjeta’ ta’ l-atturi u beda jtella’ l-ilma meta u fi x’hin irid huwa;

Illi dan kollu jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta’ l-atturi li ghandhom kull dritt li jigu reintegrati fil-pussess ta’ l-istess raba;

Talbu ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenut kkommetta spoll vjolenti u klandestin di fronti ta’ l-istess atturi;

2. tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss jispurga dana l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess fil-konfront ta’ l-atturi billi jerga’ jaghmel kollox fl-istat pristin tieghu;

3. fin-nuqqas, jekk dana z-zmien jghaddi inutilment, ghaliex l-atturi m’ghandhomx jigu awtorizzati biex jaghmlu ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex ipoggu kollox fl-istat prestinu tieghu u dana  a spejjez ta’ l-istess konvenut u, jekk hemm bzonn, taht id-direzzjoni ta’ perit li ghandu jigi nominat ghall-istess fini;

4. f’kaz li l-istess reintegrazzjoni ma tistax issir kompletament, ghaliex il-konvenut m’ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-atturi l-valur relattiv taghhom u

dana okkorrendo wkoll permezz ta’ perit li ghandu jigi nominat ghall-istess fini;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta’ l-istess konvenut ghas-subizzjoni u b’riserva ghall-azzjoni ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha eccepixxa illi:

1. id-domandi attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ma jissussistux l-elementi rikjesti bil-ligi sabiex tirnexxi kawza ta’ spoll. B’mod partikolari ma giex rispettat it-terminu ta’ xahrejn li fihom ghandha ssir l-azzjoni ta’ spoll u lanqas m’hu minnu li l-konvenut bi kwalunkwe mod spussessa lill-atturi mill-proprjeta’ meritu l-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien ma’ l-elenku tax-xhieda.

Semghet u ezaminat ix-xhieda;

Rat u ezaminat ukoll l-atti taz-zewg kawzi inferjuri, Avviz 41/01 u 9/02, stante li nstemghu kontestwalment;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha nkluza n-nota ta’ osservazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

L-azzjoni ta’ l-atturi hija wahda ta’ spoll privileggjat. Mill-premessi tac-citazzjoni, ripetuti u kkonfermati bil-gurament fid-dikjarazzjoni taghhom, huma spjegaw dan l-ispoll ‘vjolenti u klandestin’ mill-konvenut in kwantu kommess fuq il-porzjonijiet raba maghrufa “Tal-Mithna”, “Tal-Kanal”, “Tas-Sigar” ukoll “Tas-Sinja”, f’tliet bicciet mill-art maghrufa “Tal-Brukk” u f’parti ta’ raba ohra li kien jintuza

bhala mansab - ilkoll formanti parti minn estensjoni raba akbar maghrufa bhala “Il-Wilga ta’ Xaman” u “Il-Wilga ta’ Berin”, siti fil-Wied ta’ Marsalforn. Referenza ghalihom tinstab fil-pjanta folio 200 Dok.’XY’ u aktar car fil-pjanta esebita fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni 260/02 (PC).

Illi huma ormai assodati l-principjі gurisprudenzjali li jirregolaw dan l-istitut ta’ spoll, ben intiz li hija wahda ta’ indoli possessorja, u li fiha huma tlieta r-rekwiziti li jirregolawha. Dawn huma: li l-ispoljat, ossija l-attur, juri li kellu l-pussess tal-haga; li l-istess attur jipprova l-fatt ta’ l-ispoll; li l-azzjoni tkun saret zmien xahrejn mill-ispoll, li meta tinghata bhala eccezzjoni hi fid-dmir tal-konvenut li jippruvaha fuq l-iskorta tal-aforisma – *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Fil-kuntest tal-pussess huwa pacifiku li lanqas hemm bzonn li jkun pussess b’titolu ta’ proprjeta’ jew servitu’ izda hu bizzejjed pussess kwalunkwe basta li jkun ‘un possesso di fatto’ pero’ mhux ta’ mera tolleranza.

Issa fil-kaz in dizamina mhux kontrastat li l-atturi huma s-sidien attwali tar-raba meritu l-kawza u lanqas m’hu kontestat li r-raba in kwistjoni kien detenut b’titolu ta’ qbiela mill-genituri tal-konvenut. Sussegwentement ghall-mewt tal-missier l-istess konvenut baqa’ jahdem porzjoni ta’ l-istess raba flimkien ma’ zewg hutu ohra li hadmu l-kumplament, distintament u separatament mill-konvenut. Issa mill-provi in atti jirrizulta fic-car li l-konvenut baqa’ fil-pussess u jahdem l-porzjonijiet raba li kien gia jahdem tant li l-kawza ma tolqotx tali porzjoni jew porzjonijiet izda hi koncentrata fuq l-porzjonijiet tar-raba gia mahduma minn hutu u li huma stess cedew lill-atturi, kif evidenzjat minn skritturi esebiti in atti folio 44, 47, 50 u 54 rispettivament - ta’ l-ahhar fejn kien jinstab mansab fil-pussess ta’ terz li m’huwiex fil-kawza.

Intant mill-provi ghandu jirrizulta li l-konvenut kien originarjament jahdem, kif baqa’ jaghmel, dik ir-raba li fil-pjanta folio 200 hi kulurita bl-ahdar (pari ghal cirka erbat

itmien) waqt li hutu hadmu r-raba kulurita bl-orancio kif indikat kemm fil-pjanta folio 200 u l-pjanti annessi ma' l-iskritturi folio 44, 47, u 50. Tabilhaqq, li dan kien jikkostitwixxi l-modus operandi ta' kif il-konvenut u hutu kienu jiggestixxu r-raba in kwistjoni hu dimostrat mhux biss mill-provi, u ntuwibbli mix-xhieda tal-konvenut stess (folio 44 fl-Avviz 41/01), izda temergi b'mod aktar enfatiku mill-okkorrenzi esebiti minn PS 1233 (folio 138 sa 142). Huma dawn l-okkorrenzi li juru b'mod inkontrovertibbli li l-konvenut dahal fl-ghelieqi gia detenuti minn hutu li kienu fil-frattemp gia rrivertew lura ghand l-atturi li kienu jgawdu l-pussess materjali u 'di fatto' fuqhom. Hu appena necessarju li jizdied f'dan il-kuntest li l-konvenut ghamel dan kontra l-volonta' ta' l-istess atturi. Sintomatiku wkoll hu l-fatt li l-agir tal-konvenut ma kienx wiehed biex jirripelli 'ex continenti' xi pussess tieghu ta' dawn l-gheliqi minn azzjoni ta' l-atturi, li, apparti li minn imkien ma rrizulta, fil-verita' lanqas imkien ma gie sostnut mill-konvenut, li invece sostna fuq xi dritt ta' qbiela li kellu.

Mill-assiem tal-provi in atti u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti, wara li ezaminathom bir-reqqa, nisslet konvinciment li sussegwenti ghac-cessjoni ta' dik il-parti tar-raba murija kulurita bl-orancio min-naha ta' omm u hut il-konvenut, ta' l-ahhar baqa' fil-pussess u jahdem ir-raba kulurita bl-ahdar u f'xi zmien fl-ahhar ta'Mejju u nofs Gunju tas-sena sussegwenti r-rilaxx minn ommu u hutu hu dahal u ppossessa ruhu mill-ghelieqi li kienu gew rilaxxjati, li hemmhekk kienu fil-pussess materjali ta' l-atturi, u kwindi kkommetta spoll kontra l-istess atturi li ghalhekk ghandhom id-dritt jigu reintegrati fil-pussess tar-raba indikata fic-citazzjoni taghhom. Isegwi minn dan illi l-atturi ghandhom jirnexxu fl-ewwel tliet talbiet.

Illi tibqa' r-raba talba taghhom li fiha staqsew li f'kaz li l-istess reintegrazzjoni ma tistax ssir kompletament il-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallas l-valur relattiv tar-raba. Dwar dan din il-Qorti hi tal-fehma li din it-talba hija ta' natura petitorja u kif inhu risaput mhux possibbli li ssir f'din il-kawza ta' indoli possessorja.

Qeghdha ghalhekk tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza, billi:

1. tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-atturi u ssib li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta’ l-atturi;

2. tilqa’ t-tieni talba u tipprefiggi zmien perentorju ta’ hmistax mil-lum biex il-konvenut jispurga l-ispoll u jerga’ jaghmel kollox fl-istat pristin tieghu;

3. tilqa’ t-tielet talba u tirriserva n-nomina ta’ perit, jekk il-kaz, fuq talba b’rikors appozitu ta’ l-atturi;

4. tichad r-raba talba.

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------